# IL-KELMA "ĦAL"

Fil-"MALTI" ta' Settembru deher x'jaħseb G. V. fuq il-kelm... *Ħal*—Ma naqbilx ma' G. V. fuq it-tifsir li tâ. Jien naħseb... l-kelma *Raħal* ġejja mill-kelma għarbija *Aħl* li tfisser ġemgħ... ta' nies miġbura f'ħâra waħda għax ġejjin minn nisel wieħed... Fil-Palestina (Qangħan) għaqda ta' nies waħda jagħmlu *Aħ*... nies ġejjin minn ġebbieda waħda; dak li l-lum insejħu *famil*... miġbura flimkien jagħmlu *aħl*.

Mita n-nies ta' l-Affrika u tal-Palestina flok djar kellho... tined, dawk ta' nisel wieħed kienu jinġabru ma' xulxin għ... id-demm jiġbed u dik il-ġabra nies taħt isem wieħed kienu j... sejħu *ħal*. Ħal-tal-Lew, Ħal-tal-Millieri, Ħal-tas-Safi, jew fil-qas... Ħal-Lew, Ħal-Millieri, Ħal-Safi.

Billi dawn tat-tined kienu iktarx jitħarrku u jimxu flimki... għal fejn isibu ruħhom aħjar, fejn ikun hemm *ħal* jibqa' ism... ukoll jekk il-*ħal* ikun tħarrek. Għalhekk, naħseb, li għand... ħafna ismijiet ta' *rħula* li ma għadhomx jinsabu u li l-anqas baq... ħajt jew għorna biex turi fejn kienu. Għax b'tinda tmur f... trid u ma tħallix atar warajk. Fejn huma, jew fejn kienu, Ħ... Lew, Ħal Manin, Ħal Tmien, Ħal Muxi, Ħal Kaprat?

Naħseb ukoll li iktarx ġara dak li għedt jien għax m'h... l-irħula kollha għandhom *Ħal* qabel isimhom. Dawk l-irħul... għandhom isimhom mis-sura jew mill-bixla ta' l-art fejn ġ... imwaqqfa ma għandhomx *Ħal* qabel isimhom. Il-Gudja (f... għolja), l-Imqabba (fuq ħotba), il-Mosta (f'nofs il-gżira), in-Na... xar (fuq quċċata) ħadu l-isem minn l-art fejn twaqqfu u m'h... min-nies li waqqfuhom bħal Ħal-Luqa, Ħal-Qormi, Ħaż-Żebbu...

Il-Kelma *raħal* naħseb li nħolqot minn *aħl* li tħawdet b... żmien ma' *raħħâl*, li ma hux *raħli* iżda *ragħaj*; wieħed b... *merħla*; hekk naħseb daħlet l-R fil-kelma. Bil-Għarbi *raħ*... jew *raħħâl* hu raġel li jimxi minn pajjiż għal ieħor, *raħîl* b... mixja twila, *raħla* mixja waħda.

Aħna għal mixi twil ma għandniex dil-kelma ta' *ra*... imma għal wieħed telaq għal mixja jew għal vjaġġ ngħ... *rħielha*. *Rħielha* lejn Tunes, *rħiela* għall-Mellieħa.

Minn dan kollu naħseb li *Raħal* u *ħal* ġejjin minn kel... qadima *Aħal*, ġabra ta' qraba, ġirien. Il-ħażż *L* jinbidel ... bla tqanżiħ ta' xejn — Flok "*ġej mil l-Aħal*" wieħed isi... ddur iktar għal-lsienu jekk igħid "*mir-raħal*". Dan il-bdil ... l-ittri li jixxiebhu fil-ħoss isir sikwit. Minn *Aħl*, jew *Aħal*, il-kel... *ħal* tiġi bla tbatija. *Aħal-Muxi*, f'ħalq il-Malti, isir Ħal-Mu... għax għall-ħeffa tal-kliem din isibha timxi iżjed.

T. Z.

L-EWWEL KTIEB
TAT-TIENI SENA

MARZU
1926

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

## XFIH DAN IL-GĦADD

It-tieni sena—Frâk (D.K.)—Is-Sengħa tal-Kitba (DUN KARM)—Lill-Kittieba (P.)—Il-Mużew il-ġdid (T.Z.)—Il-Qima ta' Ġunone u l-Knisja ta' *Santa Marija della Porta* (S.)—Il-Għarbiel tal-Ħarir Irqiq (V. M. B.)—Xenqit ir-raba' (DUN KARM)—Frâk (D.K.)—Il-Kelma "Ħal" (G MICALLEF, G. V., C. DESSOULAVY) — Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ordni (ĠUŻÈ GATT) — Il-Vokali tal-Lsien Malti (SAJDUN) — Il-Palazz ta' l-Inkiżitur tal-Birgu (Kan. G. M. FARRUGIA) — Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette (DUN KARM, ĠUŻÈ GATT)

[G. MICALLEF = l-Avukat Ġużè Micallef M.L.A. C. DESSOULAVY = Rev. C. L. Dessoulavy ta' Londra. SAJDUN = Rev. P Saydon B.Lit., F.C.B., D.D., B.S.S.]